MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 11/2010

**A B bhala kuratrici ad litem tal-minuri F nominata b'digriet tas-17 ta' Marzu 2010 u D E**
**vs**

**C B u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tas-17 ta' Awissu, 2011 gie kjamat fil-kawza D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ippremettew:

Illi r-rikorrenti Desiree kienet kienet mizzewga lil C B u sseparat minn mieghu fil-20 ta' Gunju, 1999 kif ukoll iddivorzjat minnu fil-15 ta' Frar, 2007;

Illi hija kienet issepatata minn ma C B f'2003, meta kellha tifel b'isem ta' F precizament fil-20 ta' Lulju 2003, u dana minghand il-partner gdid li kellha D E;

Illi hija kienet ilha sseparata minn ma C B erbgha snin u ghalhekk kienet fl-impossibilita' totali li setghet ikollha tfal minn ghandu;

Illi A B kellha din ir-relazzjoni mal-esponenti D E li minnha ghalhekk sehh dan it-twelid ta' F, u allura D E huwa l-veru missier naturali tal-minuri, F;

Illi stante li F twieled fil-perjodu imsemmi, u cioe' li ghadha ma kienitx hadet id-divorzju, F (ara Dok A), gie registrat bhala l-wild legali ta' C B li jidher bhala missieru;

Illi l-intimat C B, kien fl-impossibilita' fattwali li jiggenera lill-minuri F stante li kien fizikament mifrud minn martu A matul iz-zmien tal-koncepiment tal-minuri F, kif provdut fil-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti D E, il-missier naturali u genittiv, huwa dispost li jissottometti ruhhu ghal kull ezami xjentifiku halli jigi stabbilit li huwa missier il-minuri F minghajr kull dubbju ragjonevoli;

Ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-minuri F huwa il-wild naturali ta' D E;
2. Il-missier naturali tal-minuri F huwa fil-fatt ir-rikorrenti;
3. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F, jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega biex ikun jidher fil-kolonni relattivi, li l-missier huwa D E, li ghandu karta ta' l-identita' numru 398672(M) li ghandu 37 il-sena, imwieled Pieta, joqghod il-Belt, iben D E li ghadu haj;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in linea preliminari jigi eccepit li r-rikorrenti Desiree B f'isimha propriju u D E m'ghandhomx il-jedd skont il-ligi li jitolbu ghal dikjarazzjoni gudizzjali li l-minuri Sam Isaac huwa l-wild naturali ta' l-imsemmi D E. *Semmai* kulma setghu jezercitaw f'dan il-kuntest huwa d-dritt li jattakkaw il-filjazzjoni tal-minuri billi jitolbu li jigi deciz u ddikjarat li Sam Isaac mhuwiex il-wild naturali ta' C B u dan fil-parametri stretti tal-**Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Kwindi galadarba r-rikorrenti Desiree f'isimha propriju u D E ma nkwadrawx l-azzjoni taghhom fit-terminu tal-**Artikolu 77** *de quo* jsegwi li t-talbiet taghhom kif impostati ma jistghux jintlaqghu – ghalkemm biex jinghad kollox il-posizzjoni taghhom tista' tissewwa parzjalment jekk huma jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex izidu talba ohra fir-rikors guramentat taghhom sabiex jigi ddikjarat gudizzjarjament li l-minuri F mhuwiex il-wild naturali ta' C B;

2. Illi in aggunta mal-premess lanqas it-talbiet tar-rikorrenti 'l iehor ossia F kif rapprezentat minn ommu Desiree B ma jistghu jigu akkolti bil-mod kif inhuma indirizzati u dan ghaliex fil-konfront tal-konvenut C B hu potenzjalment seta' jikseb biss dikjarazzjoni gudizzjali li hu m'ghandhux il-pussess ta' stat konformi mal-istat li jaghtih l-Att tat-Twelid tieghu, cjoe li fir-realta socjali tieghu hu m'ghandhux stat ta' wild imnissel u imwieled matul iz-zwieg (Ara l-Artikolu 81 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Madanakollu ghal kull bwon fini sabiex tigi salvata l-azzjoni odjerna r-rikorrenti jridu jitolbu bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex 'il fuq imsemmi D E minflok rikorrenti jigi mdahhal bhala intimat f'din il-kawza. B'dan l-arrangament ir-rikorrenti Desiree B nomine tkun tista tikseb dikjarazzjoni gudizzjali kontra D E li huwa l-missier naturali tal-minuri F;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri F, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-

rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi r-rikorrenti jridu wkoll jeghlbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet "*the said*" li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru 2792 tas-sena 2003. Inoltre r-rikorrenti F irid jaghzel liema kunjom ha jzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet ix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew esebiti, id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi l-attur D E, permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Awissu 2011, gie awtorizzat sabiex icedi it-talbiet tieghu f'din il-kawza u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-attur D E.

Rat il-verbal taghha tas-17 ta' Frar 2012 li permezz tieghu Dr Nadya Fiott ghall-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku irtirat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur

tar-Registru Pubbliku peress illi din l-eccezzjoni giet issorvolata.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ix-xhieda ta' l-attrici A B illi qalet illi kienet izzewget lil C B u isseparat minn mieghu fl-20 ta' Gunju 1999 u iddivorzjatu fil-15 ta' Frar, 2007. Hija xehdet illi kellha tifel fl-20 ta' Lulju 2003 li inghata l-isem ta' F minghand D E, u dan wara li kienet ilha separata minn ma zewgha erba' (4) snin.

Illi xehed ukoll D E illi qal illi sar jaf lill-attrici mit-8 ta' Marzu 2002 li kienet ilha separata minn ma zewgha xi tlett snin. Huwa xehed illi beda jghix maghha f'Mejju tal-2002 u f'Lulju 2003 u kellhom tifel illi issemma F.

Illi l-Qorti rat ukoll ir-rapport tad-DNA ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament minn Dr Marisa Cassar fl-24 ta' Ottubru 2011.

Illi Dr Marisa Cassar xehdet illi D E ID 398672 (M) huwa il-missier naturali ta' F B u effettivament il-Qorti rat illi Dr Marisa Cassar waslet ghal din l-istess konkluzjoni fir-rapport xjentifiku taghha a fol. 71 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku peress illi, kif diga intqal, l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku iddikjara illi din l-eccezzjoni giet sorvorlata.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni eccezzjoni, il-Qorti rat illi l-attrici ottemperat ruhha ma din it-tieni eccezzjoni billi talbet lill-Qorti sabiex jigi kjamat fil-kawza D E u fil-fatt il-Qorti laqghet din it-talba u D E gie kjamat fil-kawza.

Illi fir-rigward tat-tielet u ir-raba eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi kemm ir-rapport xjentifiku tad-DNA, kif ukoll mix-xhieda li giet

prodotta, irrizulta ampjament illi l-minuri F huwa il-wild naturali ta’ D E u mhux ta’ C B.

Illi l-Qorti qeghda tilqa s-sitt eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u qeghda tilqa wkoll il-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara illi l-minuri F huwa l-wild naturali ta’ D E u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku  sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F, jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega biex ikun jidher fil-kolonni relattivi, li l-missier huwa D E, li ghandu karta ta’ l-identita’ numru 398672(M), li ghandu 37 sena, imwieled Pieta, joqghod il-Belt, iben D E li ghadu haj.  Il-Qorti qeghda tordna ukoll illi l-kliem “*the said*” li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru 2792 tas-sena 2003 u illi kunjom il-minuri F jitnizzel bhala E.  Bl-ispejjez kontra l-attrici u kontra il-kjamat fil-kawza D E.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------